



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

---

**2013/2073(INI)**

31.5.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2010-2012  
2013/2073(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ole Christensen

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-kriżi wasslet biex jiżdiedu forom prekarji ta' impjieg għaż-żgħażaġh, b'kuntratti għal żmien qasir u part-time u skemi ta' esperjenza ta' xogħol mingħajr ħlas li ta' spiss jissostitwixxu impjiegi eżistenti;
  - B. billi r-rata ġenerali tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE kienet ta' 23.5 % fi Frar 2013 u billi 7.5 miljun żaġħżuġh fl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena, u 6.5 miljun fl-età ta' bejn il-25 u d-29 sena, ma kinux f'kors ta' edukazzjoni, f'impjieg jew f'taħriġ (NEETs) fl-2011;
  - C. billi fl-2011, it-telf ekonomiku minħabba n-nuqqas ta' impenn taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol kien stmat għal EUR 153 biljun, li jikkorrispondu għal 1.2 % tal-PDG tal-UE<sup>1</sup>;
1. Jinnota l-impatt tal-ewwel ċiklu tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ (2010-2012); jenfasizza li l-qafas għal involviment transsettorjali tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u tal-partijiet interessati rilevanti hu bidu tajjeb, imma jeħtieġ li dan jissaħħaħ fil-futur billi jitjieb l-aċċess għall-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ, b'hekk jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni, filwaqt ukoll li jintuża approċċ transsettorjali li jifrex il-prattiki fost is-setturi rilevanti;
  2. Jinnota li l-aspetti relatati mal-impjiegi fl-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ saru aktar urġenti minħabba l-kriżi attwali, il-livelli ferm allarmanti ta' qgħad fost iż-żgħażaġh u l-kost stmat ta' "ebda azzjoni" fi ħdan l-UE; iqis li, minħabba l-kważi 2 miljun karigi vakanti fl-UE, iċ-ċiklu li jmiss (2013-2015) għandu jikkontribwixxi għal żewġ objettivi ġenerali tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ (li huma l-ħolqien ta' opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali) billi jiffoka fuq il-qgħad, l-edukazzjoni u t-taħriġ taż-żgħażaġh; jenfasizza li għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-impatt tal-kriżi fuq iż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà; iwissi kontra l-fatt li ż-żgħażaġh jiddaħħlu fl-impjieg permezz ta' kwalunkwe mezz għaliex dan iġorr ir-riskju li l-kwalità ta' dan it-tip ta' xogħol u d-drittijiet fuq ix-xogħol għaż-żgħażaġh, speċjalment id-dritt għal dħul diċenti, jiġu injorati; jenfasizza, għalhekk, li l-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ għandha tgħin biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja li jippermettu liż-żgħażaġh jgħixu b'mod indipendenti u ħielsa mill-faqar;
  3. Ifakkar fil-miri ewlenin ta' Ewropa 2020, jiġifieri li 75 % tal-popolazzjoni ta' età bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu impjegati, li r-rati ta' tluq bikri mill-iskola għandhom ikunu anqas minn 10 %, u li mill-inqas 20 miljun persuna għandhom jinqalgħu mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali; jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ matul iċ-ċiklu li jmiss għandha tkun marbuta mill-qrib mal-kisba tal-miri ewlenin ta' Ewropa 2020;
  4. Jistieden lill-Istati Membri jressqu għarfien u rapporti bbażati fuq l-evidenza dwar is-sitwazzjoni soċjali taż-żgħażaġh u l-kundizzjonijiet ta' għajxien tagħhom u jfasslu pjanijiet

<sup>1</sup> Eurofound (2012), 'NEETs – Żgħażaġħ li mhumiex f'impjieg, f'edukazzjoni jew taħriġ: karatteristiċi, spejjeż u rispons għall-politika fl-Ewropa', Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

ta' azzjoni nazzjonali u jimplimentawhom b'mod konsistenti;

5. Jenfasizza li, sa mit-tfulija, għandha tingħata attenzjoni speċjali lil gruppi vulnerabbli f'riskju għoli ta' esklużjoni soċjali inklużi persuni li mhux qed isegwu xi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ jew li huma qiegħda (NEETs), u zgħażaġh żvantaġġati billi jiġu provduti opportunitajiet ta' impjieg reali u tanġibbli u billi jiġu nkoraġġiti jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà;
6. Jenfasizza l-ħtieġa tal-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola; jenfasizza li mingħajr azzjoni integrata maġġuri l-oġettiv Ewropa 2020 ta' tnaqqis tar-rati ta' tluq bikri mill-iskola mhux se jintlaħaq; jistieden lill-atturi kollha biex jiżguraw tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għall-impjieg permezz ta' djalogu fost l-individwi kkonċernati, is-settur edukattiv, is-servizzi tal-impjiegi u s-servizzi soċjali u tal-familja, permezz ta' rabtiet aħjar bejn it-taħriġ inizjali u dak vokazzjonali ulterjuri sabiex jiġi mħeġġeġ taħriġ adegwat immirat għall-ħtiġijiet tal-programmi ta' reintegrazzjoni tas-suq tax-xogħol li joffri t-tieni opportunità, u permezz tal-introduzzjoni ta' sistema edukattiva mħallta;
7. Jidentifika t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol bħala mument partikolarment importanti għaż-zgħażaġh, minħabba li l-bidu tal-karrieri tagħhom għandu impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp futur tagħhom; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti li l-iżvilupp fit-tfulija jista' jkollu biex iwaqqaf iċ-ċiklu vizzjuż interġenerazzjonali tal-iżvilupp uman fjakk tat-tfal żvantaġġati; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-provvista ta' servizzi ta' konsulenza u gwida fi stadju bikri sabiex tittejjeb il-kapaċità taż-zgħażaġh li jieħdu deċiżjonijiet infurmati kif xieraq dwar il-karriera futura tagħhom, b'hekk issir aktar faċli għaż-zgħażaġh li jakkwistaw il-ħiliet meħtieġa u jsibu impjieg rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; jenfasizza l-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi ħodor fl-ekonomija, fil-kura tas-saħħa, fis-servizzi soċjali u fl-ICT;
8. Jirrikonoxxi l-importanza tal-iskemi tat-taħriġ – b'mod partikolari bħala parti mill-kwalifika tat-taħriġ jew ta' kors universitarju – biex iż-zgħażaġh jiġu meġhuna jakkwistaw taħriġ u esperjenza; jenfasizza li għandhom ikunu rispettati s-salvagwardji għaż-zgħażaġh u li l-Kummissjoni għandha tipproponi definizzjoni ta' skemi ta' taħriġ ta' kwalità għolja li jinkludu kriterji relatati mal-protezzjoni soċjali, kumpens xieraq, kundizzjonijiet tax-xogħol (b'rispett lejn l-approċċi nazzjonali) u standards tas-saħħa u tas-sikurezza xierqa, irrispettivament mit-tul tal-iskema ta' taħriġ;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi Qafas ta' Kwalità għall-Iskemi ta' Taħriġ u l-Alleanza għall-Apprendistati, bl-għan li jiġu promossi skemi ta' taħriġ ta' kwalità għolja fl-UE kollha għall-istudenti u ż-zgħażaġh; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod urġenti l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u biex ivaraw immedjatament il-proġetti tagħhom sabiex jikkumbattu l-qgħad fost iż-zgħażaġh, filwaqt li jutilizzaw is-EUR 6 biljun disponibbli bħala fondi tal-UE għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ u jallokaw biżżejjed riżorsi proprji biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tagħti sostenn lill-Istati Membri li qed jimplimentaw l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, filwaqt li jfakkar fir-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR);
10. Jenfasizza li s-suċċess tal-iskema tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jiddependi ħafna fuq politiki pubbliċi oħra fis-seħħ – inklużi politiki attivi u inklużivi tas-suq tax-xogħol – li

jiżguraw li s-servizzi tal-impjiegi jkollhom l-infrastruttura meħtieġa u l-kapaċità li jipprovdu servizzi personalizzati mfassla apposta għaż-żgħażaġh; jirrimarka li l-iskema tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ li tiffunzjona b'suċċess hija wkoll dipendenti fuq l-isforzi ta' min iħaddem u fuq l-inklużjoni tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;

11. Jenfasizza li l-mobbiltà volontarja taż-żgħażaġh għandha tissaħħaħ – inkluż permezz tal-portal tal-impjieg EURES u tal-programmi Tagħlim tul il-Ħajja u Żgħażaġħ fl-Azzjoni – sabiex jitjiebu l-ekukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim reċiproku u li l-provvista tkun taqbel aktar mad-domanda tax-xogħol;
12. Jenfasizza li l-fondi Ewropej jistgħu jservu ta' kumpliment importanti għal investimenti meħtieġa mill-baġits nazzjonali, speċjalment f'dawk l-Istati Membri u reġjuni l-aktar affettwati mill-kriżi u li qed jiffaċċjaw rata partikolarment għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh; jistieden lill-Istati Membri jisfruttaw il-potenzjal tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) meta jkunu qed jimplementaw l-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ, filwaqt li jfakkar li l-FSE jagħti attenzjoni lill-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u l-appoġġ għal impjiegi sostenibbli; hu tal-fehma li l-FSE għandu għalhekk jiġi allokat għall-inqas 25 % tar-riżorsi finanzjarji maħsuba għall-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li r-riżorsi u l-fondi użati favur l-impjieg taż-żgħażaġh għandhom jitqiesu mhux bħala spiża fuq perjodu twil ta' żmien, imma bħala investment ewlieni fit-tul u kontinwu li jimmassimizza l-potenzjal taż-żgħażaġh kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll fis-soċjetà kollha kemm hi; jenfasizza li hemm argument soċjali, demokratiku u ekonomiku b'saħħtu għal tali investment u jindika 'r-redditu' għoli miksub mill-investment fit-taħriġ u fil-ħiliet;
13. Jenfasizza li implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ teħtieġ involviment kontinwu, konsistenti u kkoordinat tal-partijiet interessati kollha relevanti, partikolarment is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u rappreżentanti ta' kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġh; jistieden lill-Istati Membri jeżaminaw jekk eżempji tal-aħjar Prattiki minn Stati Membri oħra japplikawx għas-swieq tax-xogħol tagħhom stess; jemmen li d-Djalogu Strutturat huwa mod siewi ta' kif iż-żgħażaġh jistgħu jiġu involvuti fil-proċess deċiżjonali u kif tista' tissaħħaħ is-sjieda tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ; jistieden lill-Istati Membri jħaddnu l-użu ta' dan il-forum matul iċ-ċiklu li jmiss tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	30.5.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35 -: 2 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Edit Bauer, Heinz K. Becker, Jean-Luc Bennahmias, Phil Bennion, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Cabrnock, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Minodora Cliveti, Marije Cornelissen, Frédéric Daerden, Sari Essayah, Richard Falbr, Marian Harkin, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Verónica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Csaba Óry, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Nicole Sinclair, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Malika Benarab-Attou, Iliana Malinova Iotova, Svetoslav Hristov Malinov, Ria Oomen-Ruijten, Antigoni Papadopoulou